Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Numru 79/2005

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Mario Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Mario Farrugia detentur ta' karta ta' identita' numru 0259358M, akkuzat talli;

Fis-27 ta' Novembru, 2003 u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Fl-istess data u zmien imsemmi hawn fuq ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Irrespettivament mill-ammissjoni tal-imputat, l-akkuzi jinsabu ben pruvati. Il-prova mhux kontestata mill-imputat turi b’mod inekwivokabbli illi huwa kien uza ittra originali tal-Avukat li ghandu kien irrikorra biex jiktibielu u biddel id-data u baghatha l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun indirizzata lill-Ispettur ta’ hemmhekk. Il-falsifikazzjoni hi manifesta f’dan il-fatt. Ghalhekk it-tieni akkuza tirrizulta minghajr dubju.

Mill-bqija hemm l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-akkuzat li tipprova wkoll l-ewwel akkuza.

Ghalhekk issib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 188 u 17 tal-Kap 9. Tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------